MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1666/2004

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Joseph Manicaro**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 t'Awissu 2004, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u tnax –il Lira Maltija u disgha u tletin centezmi (Lm212.39), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 9699 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Jannar 2002 u Gunju 2002.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 t'Ottubru 2002, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnax –il Lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm212.39), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 t'Ottubru 2002 u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------